

# BENEFIĊĊJI TAN-NAĦLA MALTIJA FL-APIKULTURA

KOALIZZJONI GĦALL-KONSERVAZZJONI TAN-NAĦLA MALTIJA
2022



# In-Naħla Maltija

L-ispeċi tan-Naħla tal-Għasel (*Apis mellifera*) hi indiġena għal Malta peress li ma tinsabx f'Malta biss, filwaqt li s-sottospeċi (razza) tan-Naħla Maltija (*Apis mellifera ruttneri*) tinsab f'Malta biss u allura hi endemika għall-arċipelagu Malti.

Huwa ċar li l-karaterristiċi tan-Naħla Maltija qed jiġu imniġġża min-naħal tal-għasel ta' razez barrani impurtat f'pajjiżna. Peress li n-naħal jitgħammar fuq barra b'distinzjoni minima bejn sottospeċi differenti, dan qiegħed iwassal sabiex il-ġenetika tan-Naħla Maltija li kienet iżolata għal għexieren ta' snin titħallat (ibridizzazzjoni).

Konsegwentement, b'mod indirett in-Naħla Maltija qed tinqered għax ftit ftit qed titlef il-karatteristiċi 'Maltin' sforz dan it-taħlit u allura l-adattament li kellha biex tgħix f'abitati u klima lokali. Il-kunċett evoluzzjonarju tas-sopravivenza tal-aktar tajbin (*survival of the fittest*) qed jiġi imfixkel bil-kbir għad-detriment tas-sottospeċi li tifforma parti mill-patrimonju naturali Malti, kif ukoll għas-settur apikulturali lokali.

Meta speċi t'evolvi f'sottospeċi tkun qed tiżdied il-bijodiversità u din hi potenzjalment l-ewwel tarġa fil-ħolqien ta' speċi ġdida.

Ewlieni għal dan il-proċess ta' taħlit hu l-importazzjoni ta' naħal barrani, li tefa' lil din is-sottospeċi endemika għal pajjiżna f'riskju serju ta' estinzjoni. Fil-kuntest ukoll tat-tibdil fil-klima, il-protezzjoni tas-sottospeċi lokali hi wkoll importanti ferm. Il-potenzjal t'addament għal klima iktar ħarxa fil-futur qarib qiegħda biss fil-konservazzjoni tas-sottospeċi endemika.

L-importanza tal-konservazzjoni tan-naħla lokali u t-trobbija tagħha hu vantaġġuż u ta' importanza. Fiha innifisha s-sottospeċi Maltija għandha valur intrinsiku sforz l-endemiċità tagħha. Għal apikultura sostenibbli fil-ġejjieni, jeħtieġ li din is-sottospeċi tkun kkonservata.

# Benefiċċji tan-Naħla Maltija

Dan id-dokument jiffoka biss fuq benefiċċji li huma speċifiċi u limitati jekk tkun imrobbija in-Naħla Maltija (*Apis mellifera ruttneri*) u ma jinkludix benefiċċji ġenerali tan-Naħla tal-Għasel (*Apis mellifera*) li huma komuni għar-razez kollha ta' din l-ispeċi bħal pereżempju d-dakra tal-fjuri li wara tifforma l-frotta. Għalhekk dawn il-benefiċċji huma addizzjonali u jaffetwaw b'mod pożittiv lis-settur apikulturali Malti u s-sostenibbiltà tiegħu.

In-Naħla tal-Għasel ta' Malta hi endemika u għalhekk tinsab fil-gżejjer Maltin biss. Damet eluf ta' snin biex evolviet u hi waħda minn għaxar sottospeċi oħra li nsibu fl-Ewropa jew minn tlieta u tletin li nsibu madwar id-dinja. Probabbilment hi l-aktar sottospeċi rari minnhom kollha. **Din tagħmel parti mill-patrimonji naturali Malti u dinji**.

Żviluppat reżistenza u reżiljenza għal-kundizzjonijiet klimatiċi Maltin. Fiha innifisha s-sottospeci Maltija għandha valur intrinsiku sforz l-endemicita tagħha li jgħamilha **reżiljenti u allura sostenibbli**. Hi **naħla produttiva** li taħdem sew fi ġranet bir-riħ jew sħan tas-sajf, fejn it-temperatura taf taqbeż l-40 grad Celcius. Fil-qafas tal-liġijiet Ewropej, dan jingħaqad mal-politika li qed tressaq il-Kummisjoni Ewropea fir-rigward tal-ambjent u tibdil fil-klima. Huwa wieħed mill-għanijiet tal-Kummisjoni għas-snin li ġejjin sabiex il-pajjiżi missieħba jistabilixxu ekosistemi reżiljenti għat-tibdil fil-klima sabiex is-servizzi benefiċjali li dawn jipprovdu jibqgħu jitgawdew mill-ġenerazzjonijiet futuri. Ċertu urġenza għal azzjoni f'dan ir-rigward hi evidenti kif ukoll neċessarja.





In-Naħla Maltija **żviluppat strateġija ta' difiża** u kapaċi tattakka u toqtol lill Bagħal ta' Żunżan (*Vespa orientalis*) u meta t-theddidha tkun kbira, ċertu kolonji tal-*A. m. ruttneri* kapaċi jissiġillaw il-kaxxa biz-zaftura biex ma jħallux lill Bagħal ta' Żunżan jidħol ġewwa u joqtolhom.

In-Naħla Maltija hi **reżistenti għal-ċertu mard u attiva ħafna**. Kapaċi tnaddaf sew il-kaxxa fejn tikkolonizza u tneħħi mill-ewwel xi materjali li jaf b'xi mod jidħlu fil-kaxxa.

Fil-letteratura hi deskritta bħala naħla aggressiva però ħafna minn naħħala li jrabbu din is-sottospeċi jafu li dan mhux minnu. Xhieda ta' dan hu l-fatt li numru ta' naħħala jispezzjonaw kolonji mingħajr l-ilbies tal-ingwanti. Probabbilment l-osservazzjoni ta' aggressivita żejda ġejja mill-passat meta naħal kien għadu jitrabba fil-qolla, peress li dak iż-żmien, spezzjoni jew il-qtuħ tal-għasel kien issir b'mod invażiv li kien iwassal biex jeċita lin-naħal u b'hekk iġġib ruħu b'mod difensiv u aggressiv.

Taħlit ta' razez differenti tan-naħal tal-għasel jista' joħloq **ibridi ġodda li jkunu ta' periklu għal-bniedem u kif ukoll għas-settur apikulturali**, hekk kif ġara bl-*Africanized Bee* (*A. m. scutellata* x *A. m. ligustica*).

**Studji internazzjonali dejjem qed juru li l-aħjar razza tan-naħla li wieħed għandu jrabbi hi dejjem dik lokali**. Ir-raġunijiet huma varji fosthom għax jgħixu iktar fit-tul. Jidher ċar li fil-futur il-politika internazzjonali sa tkun qed tagħmel enfasi fuq dan il-kunċett. Id-dokument bit-titlu "*Good Beekeeping Practices for Sustainable Apiculture*" li ġie ppublikat mill-Ġnus Maqgħuda ġa qed jagħmel enfasi fuq dan (Kapitlu 5). Għalkemm studji lokali f'dan ir-rigward huma skarsi, studju partikolari jqabbel ir-resistenza tan-Naħla Maltija għal *Varroa* man-naħla Taljana (*A. m. ligustica*) ġewwa Malta (Galea, 2020). Instab li mhux tali rata ta' infestazzjoni fin-Naħla Maltija kien ħafna inqas għoli imma l-produzzjoni tal-għasel kienet għola minn dik tat-Taljana. Apparti li fi żmien sena minn meta beda l-istudju, l-kolonji kollha ta' *A. m. ligustica* kienu intilfu. **B'programm ta' selezzjoni kontrollata serju nistgħu inġibu Naħla Maltija resistenti ghal-*Varroa* u mard ieħor mingħajr il-bżonn ta' trattamenti.**

Hemm studji u proċeduri li qed jiġu żviluppati biex mill-għasel wieħed ikun jista' jidentifika r-razza tan-naħla li tkun ipproduċietu. Għalhekk **it-trobbija tan-naħla lokali għandu jiġi imħeġġeġ għax il-quddiem tista' sservi bħala *biomarker* (indikatur) li juri li l-għasel hu awtentiku Malti.** B'hekk l-awtoritajiet ikollhom għodda ġdida (parametru ieħor) biex jiċċekkjaw jekk l-għasel hux veru Malti u b'hekk jonqos il-frodi tal-għasel li fl-aħħar mill-aħħar jwassal għall-profitti aħjar lin-naħħala f'Malta.

**L-importazzjoni ta' naħal barrani jaf iġġib miegħu mard jew pesti ġodda f'Malta li spiċċa jagħmel ħsara kbira lis-settur** u b'hekk jsir inqas sostenibbli. Hekk kif gara fil-passat bl'introduzzjoni tal-Varroa (*Varroa destructor*) li qatlet kolonji sħaħ tan-naħal, konsegwentement ħalliet danni finanzjarji li għadhom jinħassu sal-lum. Marda oħra tan-naħal, li daħlet f'Malta bl-importazzjoni hi l-marda tal-larva Amerikana (*Paenibacillus larvae*). Ħafna mill-mard jew pesti ġodda, ġa la darba jidħlu fil-pajjiż jkun diffiċli jekk mhux impossibbli li jiġu eradikati, il-problema tkun tista' biss tiġi mitigata bi spejjez addizzjonali u kontinwi. Apparti wara għexieren ta' diċenji li marda tkun ġiet introdotta, is-sottospeci lokali tibda taddatta għaliha.

Dan issir biss wara li jkun hemm telfien enormi ta' kolonji, b'dawk li jibqgħu ħajjin jkun biss għax ikollhom xi ġenetika partikolari li tkun qed tgħinhom f'dan ir-rigward (*selective pressure*). B'hekk l-importazzjoni tan-naħal barrani mhux biss jkun qed iżżid ir-riskju ta' mard ġdid, iżda wkoll idaħħal ġenetika minn barra li ma tkunx addatta għal dan il-mard. Din imbagħad tibda titħallat ma' dik Maltija u b'hekk tkun qed tarmi l-isforz tan-Naħla Maltija li tkun bdiet taddata ftit ftit għal-mard ġdid. Infakkru wkoll f'mard u pesti li s'issa għadhom ma daħlux f'Malta però qegħdin veru qrib xtutna bħal il-ħanfusa żgħira tal-ġabsala (*Aethina tumida*) u żunżan bagħal Ażjatiku (*Vespa velutina*). Apparti li l-istess mard u pesti jistu jaffetwaw b'mod dirett dakkara oħra lokali li għandhom rwol fil-produzzjoni tal-ikel. Ir-riċerka turi li hemm potenzjal qawwi fejn mard jaqbeż minn speċi t'insetti dakkara għal oħra. Allura, b'mod indirett, il-waqfien tal-importazzjoni tan-naħal minn barra jipproteġi wkoll insetti dakkara oħrajn.

**Bit-trobbija tan-Naħla Maltija jistgħu jinħolqu niċeċ ġodda għan-naħħala** fosthom apituriżmu dwar in-naħla Maltija, riċerka, *breeding* u bejgħ tal-aħjar varjanti (b'*artificial selection*), tikketta ta' kwalità, eċċ. **Apparti li tagħmel is-settur tal-apikultura iktar sostenibbli.**





